

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9050/21

LIMITE

JUSTCIV 92
ECOFIN 471
EJUSTICE 56
COMPET 388
CODEC 747
IA 98

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0044(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7222/18 + ADD 1 + ADD 1 REV 1 + ADD 2 + ADD 2 REV 2 + ADD 3
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet tal-pretensjonijiet - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet tal-pretensjonijiet¹ (ir-"Regolament propost") ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-12 ta' Marzu 2018 bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.
2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hi soġġetta għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

¹ 7222/18.

3. F'konformità mal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, ir-Regolament propost għandu l-għan li jippromwovi l-investment transfruntier fl-UE u, b'hekk, li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għad-ditti, inkluż l-SMEs, u għall-konsumaturi. L-objettiv speċifiku tar-Regolament propost huwa li jgħin biex jiżdedu t-tranżazzjonijiet transfruntiera fil-pretensjonijiet billi jipprovdi ċertezza legali permezz tal-adozzjoni ta' regoli uniformi dwar il-kunflitt tal-liġijiet fil-livell tal-UE, u b'hekk jelimina r-riskji legali u l-konsegwenzi sistemiċi potenzjali u jippermetti l-investment transfruntier, l-aċċess għal kreditu orħos u l-integrazzjoni tas-suq.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari², li kienet tinkludi 24 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni, fit-13 ta' Frar 2019.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu³ dwar din il-proposta fil-11 ta' Lulju 2018, u l-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu⁴ fit-18 ta' Lulju 2018.
6. L-Irlanda ma għamlitx użu mill-possibbiltà mogħtija fl-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja biex tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-miżura proposta. B'applikazzjoni tal-Protokoll (Nru 22) għat-Trattati dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhux qed tiegħu sehem fl-adozzjoni tal-miżura proposta.

² 6217/19.

³ 11427/18.

⁴ CON/2018/33.

II. ELEMENTI EWLENIN TAL-PAKKETT TA' KOMPROMESS

7. Id-diskussjonijiet fil-vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-Ġustizzja fl-4 ta' Ġunju 2020 ipprovdew gwida politika prezzjuża dwar il-konferma tal-prinċipju tal-universalità, l-esklużjoni ta' kunflitti ta' prijorità li jinvolvu n-novazzjoni u l-applikazzjoni nonretroattiva tar-Regolament propost. Tliet rapporti ta' progress ġew ippreżentati lill-Kunsill f'Diċembru 2018,⁵ f'Ġunju 2019⁶ u f'Diċembru 2020⁷.
8. Bi tkompli fuq il-ħidma tal-Presidenzi preċedenti, il-Presidenza Portugiża inkludiet dan il-fajl fost il-prijoritajiet leġiżlattivi tagħha. B'riżultat ta' dan, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Ċessjoni ta' Pretensjonijiet) kompli bid-deliberazzjonijiet tiegħu dwar ir-Regolament propost b'pass intensiv. Fid-dawl tal-progress sostanzjali li sar fid-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Ċessjoni ta' Pretensjonijiet), il-Presidenza hija tal-opinjoni li jista' jinkiseb approċċ ġenerali dwar it-test.

A. Kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament

9. Attwalment ma hemm ebda regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet li tirregola l-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet tal-pretensjonijiet fil-livell tal-UE, u r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet dwar din il-kwistjoni stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri (fejn jeżistu tali regoli) huma differenti minn xulxin. F'ċessjonijiet tal-pretensjonijiet transfruntiera, l-inkonsistenza tar-regoli nazzjonali dwar il-kunflitt tal-liġijiet twassal għal inċertezza legali dwar liema liġi tapplika għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet.

⁵ 14498/18.

⁶ 9562/19.

⁷ 13122/20.

10. Ir-Regolament propost huwa maħsub biex jipprovdi ċertezza legali billi jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kunflitt tal-liġijiet li jiddeterminaw il-liġi li għandha tapplika għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet transfruntiera volontarji tal-pretensjonijiet u s-surroga kuntrattwali f'materji ċivili u kummerċjali.
11. Ir-Regolament jikkonċerna l-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjoni tal-pretensjonijiet, li huma assi f'forma intanġibbli. Dan jimplika li ċerti materji mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament peress li dawn mhumiex relatati maċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet f'forma intanġibbli. Madankollu, wara diskussjonijiet tekniċi estensivi, il-Grupp ta' Ħidma qies li kien importanti li jiġi ċċarat li tali materji mhumiex koperti mir-Regolament. Dawn il-materji huma dawn li ġejjin:
- it-trasferiment ta' strumenti finanzjarji, inkluż titoli u derivattivi;
 - it-trasferiment ta' kriptoaassi; u
 - iċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet fejn il-pretensjonijiet mhumiex f'forma intanġibbli iżda inkorporati f'ċertifikat jew rappreżentati minn entrata fil-kotba.
12. B'mod partikolari, għal raġunijiet ta' ċarezza u koerenza ma' atti legali oħra tal-UE, il-Grupp ta' Ħidma qabel li jindika espressament li l-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' strumenti finanzjarji, inkluż permezz ta' titolu, wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq tali strumenti finanzjarji, mhumiex koperti mir-Regolament. B'konsegwenza ta' dan, ir-Regolament ma jirregolax it-trasferiment ta' strumenti finanzjarji (bħal titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju u unitajiet f'intrapriżi kollettivi), kemm jekk jinħarġu b'teknoloġija ta' reġistru distribwit kif ukoll jekk le u rrispettivament minn jekk tali trasferiment isirx permezz ta': (i) il-forniment fiżiku ta' ċertifikat, (ii) entrata fil-kotba f'reġistru, kont jew sistema ta' depożitu ċentralizzata, jew (iii) iċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet (bħal, pereżempju, pretensjoni għall-forniment ta' dawn l-istrumenti mill-intermedjarju li jmiss f'katina ta' intermedjarji). Jenħtieġ li r-Regolament propost lanqas ma japplika għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' kriptoaassi, irrispettivament minn jekk jikkwalifikawx bħala strumenti finanzjarji jew le, inkluż permezz ta' titoli, wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq it-tali kriptoaassi.

13. Peress li d-derivattivi huma strumenti finanzjarji kif ukoll kuntratti, u peress li r-Regolament propost ma jkoprix it-trasferiment ta' strumenti finanzjarji jew kuntratti jew novazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma qabel li jiċċara fi premessa li l-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment tad-derivattivi wkoll mhumiex irregolati mir-Regolament.
14. Il-Grupp ta' Ħidma qabel ukoll li jiċċara li ċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet fejn il-pretensjonijiet mhumiex f'forma intanġibbli iżda inkorporati f'ċertifikat jew rappreżentati minn entrata fil-kotba mhumiex koperti mir-Regolament.
15. Għal raġunijiet ta' konsistenza mal-liġi applikabbli għat-titoli u minħabba l-eżistenza ta' prattiki differenti fl-Istati Membri, il-Grupp ta' Ħidma fl-aħħar mill-aħħar qabel li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament iċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju jew unitajiet f'intrapriża għal investiment kollettiv anki meta l-pretensjonijiet ikunu ċeduti f'forma intanġibbli.
16. Sabiex ir-Regolament propost ikun teknoloġikament validu għall-futur, il-Grupp ta' Ħidma kkunsidra l-kwistjoni tal-inklużjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn kryptoassi⁸ u flus elettroniċi. Bħala strument newtrali għat-teknoloġija, jenħtieġ li r-Regolament propost ikopri l-pretensjonijiet li jirriżultaw minn assi irrispettivament mit-teknoloġija użata għall-ħruġ, it-trasferiment jew il-ħażna tagħhom, u b'hekk huma inklużi l-pretensjonijiet li jirriżultaw minn kryptoassi li mhumiex strumenti finanzjarji. Sabiex jiġu evitati problemi ta' karatterizzazzjoni dwar jekk kryptoassi partikolari jikkwalifikax bħala strument finanzjarju jew bħala tip ieħor ta' kryptoassi, jenħtieġ li l-pretensjonijiet li jirriżultaw mill-kryptoassi kollha jkunu koperti minn dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn kryptoassi li jikkwalifikaw bħala titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju jew unitajiet f'intrapriża għal investiment kollettiv.

⁸ Il-kryptoassi huma definiti fir-Regolament propost b'referenza għad-definizzjoni li ser tiġi introdotta fl-*acquis* mir-Regolament futur dwar is-swieq fil-kryptoassi (MiCA).

17. Minħabba l-karatteristiċi fundamentalment differenti tas-sistemi legali ta' xi Stati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tar-rabta bejn pretensjoni u d-dritt ta' titolu, u r-rwol tar-reġistri pubbliċi, il-Grupp ta' Ħidma qabel li jeskludi l-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment tad-drittijiet ta' titolu, b'mod partikolari d-drittijiet ta' titolu fuq proprjetà immobbli u proprjetà mobbli soġġetta għal reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku stabbiliti bil-liġi, inkluż kwalunkwe rekwiżit dwar il-forma jew ir-reġistrazzjoni għall-effettività tat-trasferiment tad-drittijiet ta' titolu u l-effetti ta' konformità jew ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti għar-risoluzzjoni ta' kunflitti ta' prijorità fuq il-pretensjonijiet titolizzati.
18. Għaldaqstant, fejn id-dritt ta' titolu huwa marbut mal-pretensjoni li jittitolizza b'tali mod li, skont il-liġi tal-Istat fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli jew li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru, il-konformità ma' ċerti rekwiżiti ta' forma jew reġistrazzjoni għall-effettività tat-trasferiment tad-dritt ta' titolu hija meħtieġa biex iċ-ċessjonarju jakkwista t-titolu fuq il-pretensjoni nnifisha, jenħtieġ li r-Regolament ma japplikax għall-effetti ta' konformità jew ta' nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe rekwiżit fir-rigward ta' forma jew reġistrazzjoni għall-effettività tat-trasferiment tad-dritt ta' titolu fir-risoluzzjoni ta' kunflitti ta' prijorità fuq il-pretensjoni titolizzata.
19. Is-soluzzjoni ta' kompromess tiġbed l-attenzjoni għall-effetti li jistgħu jirriżultaw minn sistemi ta' reġistrazzjoni b'saħħithom u tenfasizza l-importanza tagħhom, filwaqt li ma timponix l-applikazzjoni tal-*lex registrationis* għas-sitwazzjonijiet kollha.

B. Liġi applikabbli

20. Il-Grupp ta' Ħidma kellu diskussjonijiet fit-tul u tekniċi dwar il-merti tad-determinazzjoni tal-liġi tar-residenza abitwali taċ-ċedent bħala l-liġi li jenħtieġ tapplika bħala regola għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjoni tal-pretensjonijiet. F'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, il-liġi tar-residenza abitwali taċ-ċedent irċeviet aktar appoġġ mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta peress li din tkun twassal għal aktar prevedibbiltà għall-partijiet terzi. Il-liġi tar-residenza abitwali taċ-ċedent tqieset adatta għal ċessjonijiet bil-massa soġġetti għal liġijiet differenti u pretensjonijiet futuri u konsistenti mar-Regolament (UE) 2015/848 (ir-Regolament dwar l-Insolvenza).

21. Minkejja dan ġie enfasizzat li eċċezzjonijiet adatti jkunu importanti għall-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji. Ġie konkluż li għal ċerti ċessjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) tat-test ta' kompromess, bħaċ-ċessjoni ta' pretensjonijiet ta' flus kontanti, pretensjonijiet fis-swieq finanzjarji u pretensjonijiet ta' kreditu, il-liġi tal-pretensjoni ċeduta tkun aktar adatta mil-liġi tar-residenza abitwali taċ-ċedent.
22. F'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, għat-titolizzazzjoni t-test ta' kompromess iżomm għażla tal-liġi bejn il-liġi taċ-ċedent u l-liġi tal-pretensjoni ċeduta. L-għan ta' din il-flessibbiltà huwa li ma tiġix affettwata l-prattika attwali ta' operaturi kbar filwaqt li, fl-istess ħin, tiġi ffaċilitata l-espansjoni tas-suq tat-titolizzazzjoni transfruntier għal operaturi iżgħar.

C. Applikazzjoni universali

23. Kif propost mill-Kummissjoni u kkonfermat mill-Ministri għall-Ġustizzja fl-4 ta' Ġunju 2020, f'konformità ma' strumenti oħra tal-UE li jarmonizzaw ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet, il-liġi nazzjonali determinata bħala applikabbli mir-Regolament propost tista' tkun il-liġi ta' Stat Membru jew il-liġi ta' pajjiż terz.

D. Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħra tal-Liġi tal-UE

24. Ir-Regolament propost huwa maħsub biex ikun strument *orizzontali* li jiddetermina l-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet tal-pretensjonijiet fil-każijiet kollha sakemm ma jkunx previst mod ieħor fi strumenti oħra, aktar speċifiċi, tal-liġi tal-UE. L-applikazzjoni tiegħu ma għandhiex tipprevjeni l-applikazzjoni ta' strumenti oħra tal-UE li jiddeterminaw il-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet tal-pretensjonijiet *f'oqsma partikolari*. F'dak ir-rigward, l-Artikolu 10 tat-test ta' kompromess jinkludi lista mhux eżawrjenti ta' atti legali tal-UE li jieħdu preċedenza fuq l-istrument il-ġdid.

III. KONKLUŻJONI

25. It-test ta' kompromess finali kif jinsab fl-Anness jenħtieġ li jitqies bħala pakkett li jirrifletti bilanċ delikat bejn l-interessi u t-tħassib ta' Stati Membri differenti. Huwa għandu l-għan li jistabbilixxi reġim ibbilanċjat sew, b'kont meħud tal-interessi tas-swieq finanzjarji u l-karatteristiċi fundamentali tal-ordnijiet legali tal-Istati Membri.
26. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- (a) japprova l-pakkett ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, u
 - (b) jistieden lill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) biex fis-7 u t-8 ta' Ġunju 2021 japprova t-test kif jinsab fl-Anness⁹ għal din in-nota bħala approċċ ġenerali li jiffirma l-bażi għan-negozjati mal-Parlament Ewropew.

⁹ Iż-żidiet meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni (7222/18) huma mmarkati b'**tipa grassa sottolinjata** u t-tħassir huwa mmarkat bi [...].

[...]

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjonijiet tal-pretensjonijiet

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari, l-Artikolu 81(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,¹[...]

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Unjoni stabbiliet l-oġettiv li żżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Sabiex dan l-ispazju jiġi stabbilit gradwalment, l-Unjoni għandha tadotta miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transfruntiera sal-punt meħtieġ biex is-suq intern jaħdem sew.
- (2) Skont l-Artikolu 81 tat-Trattat, dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk immirati sabiex jiżguraw il-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri li jikkonċernaw il-kunflitt tal-liġijiet.

¹ ĠU C , , p.

- (3) Il-funzjonament tajjeb tas-suq intern jirrikjedi **ċertezza fir-rigward tal-liġi applikabbli** [...] sabiex tittejjeb il-prevedibbiltà tal-eżitu tal-litigazzjoni, [...] u l-moviment liberu tas-sentenzi **jirrikjedi** [...] regoli dwar il-kunflitt tal-**liġijiet** [...] fl-Istati Membri biex l-istess liġi nazzjonali [...] tiġi determinata **bħala l-liġi applikabbli** irrispettivament mill-**grati tal-Istat Membru li quddiemhom** [...] tinfetaħ kawża.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) ma **jiddeterminax** [...] **il-liġi applikabbli għall-effetti** [...] fuq partijiet terzi ta' **ċessjonijiet** [...] tal-pretensjonijiet. Madankollu, l-Artikolu 27(2) ta' dak ir-Regolament irrikjeda li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar il-kwistjoni tal-effettività ta' ċessjoni jew ta' surroga ta' pretensjoni kontra partijiet terzi u l-prijorità tal-pretensjoni ċeduta jew surrogata fuq **id-dritt** [...] ta' persuna oħra li jenħtieġ li jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposta sabiex jiġi emendat dak ir-Regolament u minn valutazzjoni tal-impatt tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu introdotti.
- (5) Fit-18 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni adottat Green Paper "Nibnu Unjoni tas-Swieq Kapitali"² li kienet tgħid li l-kisba ta' ċertezza legali akbar f'każijiet ta' trasferiment transfruntier ta' pretensjonijiet u l-ordni tal-prijorità ta' dawk it-trasferimenti, b'mod partikolari f'każijiet ta' insolvenza, hija aspett importanti fl-iżvilupp ta' suq pan-Ewropew fit-titolizzazzjoni u fl-arranġamenti kollaterali finanzjarji, u anki [...] **għal** attivitajiet oħra bħall-fatturament.

² COM(2015) 63 final.

- (6) Fit-30 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni bi Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali³. **Il-Pjan ta' Azzjoni [...]** **dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali** ġibed l-attenzjoni għall-fatt li differenzi fit-trattament nazzjonali **tal-effetti** fuq partijiet terzi ta' **ċessjonijiet** [...] tal-pretensjonijiet ta' debitu jikkumplikaw l-użu ta' dawn l-istrumenti bħala kollateral transfruntier, u kkonkluda li din l-inċertezza legali tfixxkel operazzjonijiet finanzjarji ekonomikament sinifikanti, bħat-titolizzazzjonijiet. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ħabbar li l-Kummissjoni kienet ser tipproponi regoli uniformi biex jiġi ddeterminat b'ċertezza legali liema liġi nazzjonali jenħtieġ li tapplika fir-rigward tal-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjoni ta' pretensjonijiet.
- (7) Fid-29 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-adegwatezza tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali⁴ fejn l-attenzjoni tpoġġiet fuq il-kwistjoni dwar jekk din id-Direttiva taħdimx b'mod effettiv u effiċjenti fir-rigward tal-atti formali meħtieġa sabiex il-pretensjonijiet ta' kreditu jiġu pprovduti bħala kollateral. Ir-rapport ikkonkluda li proposta **għal** [...] regoli uniformi fir-rigward tal-effetti fuq partijiet terzi ta' **ċessjonijiet** [...] tal-pretensjonijiet tkun tippermetti d-determinazzjoni b'ċertezza legali ta' liema liġi nazzjonali jenħtieġ li tapplika fir-rigward tal-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjoni tal-pretensjonijiet, u dan jikkontribwixxi biex tinkiseb ċertezza legali akbar f'każijiet ta' mobilizzazzjoni transfruntiera ta' pretensjonijiet ta' kreditu bħala kollateral.
- (8) Fid-29 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni adottat rapport dwar il-kwistjoni tal-effettività ta' ċessjoni jew ta' surroga ta' pretensjoni fil-konfront ta' partijiet terzi u l-prijorità tal-pretensjoni ċeduta jew surrogata fuq id-dritt ta' persuna oħra. Ir-rapport ikkonkluda li regoli uniformi dwar il-kunflitt tal-**liġijiet** [...] li jirregolaw l-effettività ta' ċessjonijiet fil-konfront ta' partijiet terzi kif ukoll kwistjonijiet ta' priyorità bejn ċessjonarji f'kompetizzjoni bejniethom jew bejn ċessjonarji u detenturi oħra tad-drittijiet itejbu ċ-ċertezza legali u jnaqqsu l-problemi prattiċi u l-kostijiet ġuridiċi marbuta mal-approċċi differenti attwali fl-Istati Membri.

³ COM(2015) 468 final.

⁴ COM(2016) 430 final.

- (9) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni sostantiv u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikunu konsistenti mar-Regolament (KE) Nru 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II),⁵ ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I),⁶ ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni),⁷ u r-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza (**Regolament dwar l-Insolvenza**)⁸. [...]
- (10) Dan ir-Regolament jimplementa l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Huwa jissodisfa wkoll ir-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament Ruma I li l-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblica rapport u, jekk ikun il-każ, proposta dwar l-effettività ta' ċessjoni ta' pretensjoni kontra partijiet terzi u l-prijorità taċ-ċessjonarju fuq id-dritt ta' persuna oħra.
- (11) Attwalment fil-livell tal-Unjoni ma jeżistux regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet li jirregolaw l-effetti [...] fuq partijiet terzi ta' ċessjonijiet tal-pretensjonijiet. **Fejn** [...] jeżistu regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet **dwar din il-kwistjoni** fil-livell tal-Istati Membri, [...] dawn **huma differenti minn xulxin** [...]. F'ċessjonijiet ta' pretensjonijiet transfruntiera, l-inkonsistenza tar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet twassal għal inċertezza legali dwar liema liġi tapplika għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet. In-nuqqas ta' ċertezza legali joħloq riskju legali f'ċessjonijiet tal-pretensjonijiet transfruntiera li ma jeżistix f'ċessjonijiet domestiċi, peress li regoli sostantivi nazzjonali differenti jistgħu jiġu applikati skont l-Istat Membru li l-qrati jew l-awtoritajiet tiegħu jiġġudikaw tilwima dwar it-titolu legali fuq il-pretensjonijiet **ċeduti**.

⁵ Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II), ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40-49.

⁶ Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6-16.

⁷ Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1-32.

⁸ Regolament (UE) Nru 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza, ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19-72.

- (12) Jekk iċ-ċessjonarji ma jkunux konxji mir-riskju legali jew jagħżlu li jinjorawh, jistgħu jaffaċċjaw telf finanzjarju mhux mistenni. L-inċertezza dwar min għandu t-titolu legali fuq il-pretensjonijiet ċeduti fuq bażi transfruntiera jista' jkollha effetti sekondarji u tista' taggrava u ttawwal l-impatt ta' kriżi finanzjarja. Jekk iċ-ċessjonarji jiddeċiedu li jimmitigaw ir-riskju legali billi jfittxu parir legali speċifiku, iġarrbu kostijiet tat-tranżazzjoni oġhla li mhumiex meħtieġa għal ċessjonijiet domestiċi. Jekk iċ-ċessjonarji jiġu skoraġġuti mir-riskju legali u jagħżlu li jevitawh, jistgħu jitilfu opportunitajiet ta' negozju u l-integrazzjoni tas-suq tista' titnaqqas.
- (13) L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li tiġi pprovduta ċertezza legali billi jiġu stabbiliti regoli komuni dwar il-kunflitt tal-liġijiet li jiddeterminaw liema liġi nazzjonali tapplika fir-rigward tal-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjonijiet tal-pretensjonijiet **transfruntiera**.
- (14) Pretensjoni tagħti lill-kreditur id-dritt għall-pagament ta' somma flus jew għall-prestazzjoni ta' obbligu **mhux monetarju** [...] mid-debitur. Iċ-ċessjoni ta' pretensjoni tippermetti lill-kreditur (ċedent) li jittrasferixxi d-dritt **tiegħu** [...] li jitlob id-dejn fil-konfront ta' debitur lil persuna oħra (ċessjonarju). Il-liġijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kreditur u d-debitur, bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju u bejn iċ-ċessjonarju u d-debitur jiġu ddeterminati mir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet stipulati fir-Regolament Ruma I. **Ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet stipulati fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament Ruma I jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju, u r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet stipulati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Ruma I jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn iċ-ċessjonarju u d-debitur**⁹.

⁹ [...]

(15) Ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet stipulati f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jirregolaw l-effetti **fuq partijiet terzi** [...] ta' ċessjonijiet tal-pretensjonijiet kemm bejn il-partijiet kollha involuti fis-ċessjoni [...] kif ukoll fir-rigward ta' partijiet terzi (**bħal** [...] kreditur taċ-ċedent), **mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tad-debitur skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Ruma I.**[...]

(16) Il-pretensjonijiet koperti minn dan ir-Regolament **jinkludu, iżda mhumiex limitati għal,** [...] riċevibbli tan-negozju, **pretensjonijiet ta' kreditu, flus kontanti kif definit fid-Direttiva 2002/47/KE, flus elettroniċi kif definit fid-Direttiva 2009/110/KE u pretensjonijiet li jirriżultaw minn** [...] strumenti finanzjarji kif definit fid-Direttiva 2014/65/UE [...] ¹⁰ [...] = **bl-eċċezzjoni ta' pretensjonijiet li jirriżultaw minn titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju jew unitajiet f'intrapriża għal investiment kollettiv – irrISPettivament minn jekk ikunux inħarġu permezz ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit jew le.**

(16bis) F'konformità mar-Regolament [XXX] dwar is-swieg f' kriptoaSSI (MiCA), it-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT) hija tip ta' teknoloġija li tappoġġa r-reġistrar distribwit ta' data kriptata. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun ibbażat fuq approċċ newtrali għat-teknoloġija.

¹⁰ [...]

Bħala strument newtrali għat-teknoloġija, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri pretensjonijiet li jirriżultaw minn assi irrispettivament mit-teknoloġija użata għall-ħruġ, it-trasferiment jew il-ħażna tagħhom, u b'hekk huma inklużi pretensjonijiet li jirriżultaw minn kryptoassi. Xi kryptoassi, definiti bħala "tokens tal-flus elettroniċi" jew "tokens tal-flus-e" fir-Regolament [XXX] dwar is-swieg tal-kryptoassi (MiCA), huma maħsuba primarjament bħala mezz ta' ħlas u l-funzjoni tagħhom hija simili ħafna għall-funzjoni tal-flus elettroniċi kif definit fid-Direttiva 2009/110/KE dwar il-flus elettroniċi (EMD2). Kryptoassi oħra huma kwalifikati, skont il-liġi nazzjonali, bħala strumenti finanzjarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-MiFID. Sabiex jiġu evitati problemi ta' karatterizzazzjoni dwar jekk kryptoassi partikolari jikkwalifikaw bħala strument finanzjarju jew bħala tip ieħor ta' kryptoassi, jenħtieġ li pretensjonijiet li jirriżultaw mill-kryptoassi kollha jkunu koperti minn dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' pretensjonijiet li jirriżultaw minn kryptoassi li jikkwalifikaw bħala titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju jew unitajiet f'intrapriża għal investment kollettiv.

(16i) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjonijiet kemm ta' pretensjonijiet eżistenti kif ukoll ta' pretensjonijiet futuri. Iċ-ċessjonabbiltà tal-pretensjonijiet, inkluż il-kwistjoni ta' jekk pretensjonijiet futuri humiex ċessjonabbli, hija rregolata mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Ruma I.

(16a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' strumenti finanzjarji, kemm jekk maħruġa permezz ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit kif ukoll jekk le, inkluż permezz ta' titoli, wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq dawn l-istrumenti finanzjarji. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax, b'mod partikolari, għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju u unitajiet f'intrapriżi kollettivi, inkluż permezz ta' titoli, wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq dawn l-istrumenti finanzjarji, kemm jekk dan it-trasferiment isir permezz tal-forniment fiżiku ta' ċertifikat, permezz ta' entrata fil-kotba f'reġistru, permezz ta' kont jew sistema ta' depożitu ċentralizzata jew permezz ta' ċessjoni tal-pretensjonijiet bħal, pereżempju, pretensjoni għall-forniment ta' dawn l-istrumenti mill-intermedjarju li jkun imiss f'katina ta' intermedjarji. [...]. Peress li d-derivattivi huma strumenti finanzjarji u kuntratti wkoll, u peress li jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix it-trasferiment ta' kuntratti jew novazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' derivattivi. Jenħtieġ li dan ir-Regolament lanqas ma japplika għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' kriptoassi, irrispettivament minn jekk jikkwalifikawx bħala strumenti finanzjarji jew le, inkluż permezz ta' titoli, wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq dawn il-kriptoassi.

(16ii) L-issodisfar ta' pretensjoni (pereżempju, ir-ripagament ta' self) jista' jiġi ggarantit permezz ta' dritt ta' titolu (pereżempju, self ipotekarju jew wegħda). Dritt ta' titolu jista' jinħoloq fir-rigward ta' pretensjonijiet jew fir-rigward ta' assi minbarra pretensjonijiet. Assi minbarra pretensjonijiet jinkludu proprjetà immobbli; assi mobbli tanġibbli, irrispettivament minn jekk ikunx irreġistrat f'reġistru pubbliku stipulat bil-liġi (bħal vettura jew makkinarju) jew le; u assi mobbli mhux tanġibbli, irrispettivament minn jekk ikunx irreġistrat f'reġistru pubbliku stipulat bil-liġi (bħal dritt ta' proprjetà intellettuali) jew le. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikopri ċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet, kemm jekk direttament (pereżempju, iċ-ċessjoni ta' riċevibbli tan-negozju għal fattur) jew permezz ta' titolu, wegħda jew drittijiet ta' titolu fuq pretensjonijiet oħra (pereżempju, wegħda fir-rigward ta' riċevibbli tan-negozju). Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix it-trasferiment ta' assi minbarra pretensjonijiet, kemm direttament (pereżempju, it-trasferiment ta' titoli trasferibbli) kif ukoll permezz ta' titoli, wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq assi minbarra pretensjonijiet (pereżempju, self ipotekarju fuq proprjetà immobbli jew wegħda fuq titoli trasferibbli).

(16aa) Jenħtieġ li l-liġi determinata minn dan ir-Regolament tapplika għall-effetti fuq partijiet terzi taċ-ċessjoni ta' pretensjoni fejn il-pretensjoni ċeduta hija garantita bi dritt fuq proprjetà immobbli jew proprjetà mobbli soġġetta għar-reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku stipulat bil-liġi. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment tad-dritt ta' titolu fuq proprjetà immobbli jew proprjetà mobbli soġġett għar-reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku stipulat bil-liġi, inkluż kwalunkwe rekwiżit ta' forma jew reġistrazzjoni skont il-liġi tal-Istat fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli jew li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru għall-effettività tat-trasferiment tad-dritt ta' titolu. Jenħtieġ li dan ir-Regolament lanqas ma japplika għall-ebda kwistjoni relatata mal-infurzar ta' drittijiet ta' titolu, inkluż l-intitolament għal qligħ.

(16aaa) Il-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament ma tistax tkun l-istess bħal-liġi tal-Istat fejn il-proprjetà immobbli tkun tinsab jew li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru (pereżempju, minħabba li r-residenza abitwali ta' ċedent tkun tinsab fi Stat A u l-proprjetà immobbli tkun tinsab fi Stat B). F'dawn il-każijiet, (i) biex iċ-ċessjonarju jakkwista titolu fuq il-pretensjoni, jenħtieġ li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti skont il-liġi determinata minn dan ir-Regolament u, (ii) biex iċ-ċessjonarju jakkwista titolu ta' dritt fuq il-proprjetà immobbli jew il-proprjetà mobbli rreġistrata li jggarantixxi l-pretensjoni, jenħtieġ li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti għat-trasferiment ta' tali dritt ta' titolu stabbiliti fil-liġi determinata mir-regoli nazzjonali dwar il-kunflitt tal-Istat fejn il-proprjetà immobbli tkun tinsab jew li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru (tipikament il-*lex rei sitae* jew il-*lex registrationis*), inkluż kwalunkwe rekwiżit ta' forma jew reġistrazzjoni.

(16ab) Madankollu, f'xi sistemi legali, id-dritt ta' titolu huwa marbut mal-pretensjoni li jggarantixxi b'tali mod li, skont il-liġi tal-Istat fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli jew li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru, biex iċ-ċessjonarju jakkwista t-titolu fuq il-pretensjoni nnifisha tkun meħtieġa konformità ma' ċerti rekwiżiti ta' forma jew reġistrazzjoni għall-effettività tat-trasferiment tad-dritt ta' titolu, u l-konformità jew in-nuqqas ta' konformità ma' tali rekwiżiti ta' forma jew reġistrazzjoni biex jiġi akkwistat titolu fuq id-dritt ta' titolu jista' jkollu impatt fuq ir-riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' prijorità possibbli fuq il-pretensjoni titolizzata.

F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li meta jkunu qed jiġu solvuti kunflitti ta' prijorità fuq il-pretensjoni titolizzata dan ir-Regolament ma japplikax għall-effetti tal-konformità jew tan-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe rekwiżit fir-rigward tal-forma jew ir-reġistrazzjoni għall-effettività tat-trasferiment tad-dritt ta' titolu. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament ma tapplikax biex jissolvew kunflitti ta' prijorità fuq pretensjoni ggarantita minn dritt fuq proprjetà immobbli jew proprjetà mobbli soġġett għar-reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku stipulat bil-liġi, b'mod partikolari bejn (i) pretendent fuq il-pretensjoni titolizzata li jkun ikkonforma mal-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament biex jakkwista titolu fuq il-pretensjoni ċeduta u anki mar-rekwiżiti ta' forma jew reġistrazzjoni skont il-liġi tal-Istat fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli jew li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru biex jakkwista titolu fuq id-dritt li jggarantixxi l-pretensjoni, u (ii) pretendent fuq il-pretensjoni titolizzata li jkun ikkonforma biss mal-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament biex jakkwista titolu fuq il-pretensjoni ċeduta.

(16b) Pretensjoni hija assi intanġibbli. Tista' tiġi ċeduta bħala assi intanġibbli jew, fejn tkun inkorporata f'ċertifikat jew rappreżentata minn entrata fil-kotba, tista' tiġi ttrasferita bħala assi tanġibbli jew permezz ta' krediti u debiti. Jekk pretensjoni tkunx tista' tiġi ċeduta bħala assi intanġibbli, inkorporata f'ċertifikat jew rappreżentata minn entrata fil-kotba, hija ddeterminata mil-liġi sostantiva li tirregola l-pretensjoni skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Ruma I. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun strument orizzontali li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar il-kunflitt tal-liġijiet applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjoni tal-pretensjonijiet meta l-pretensjonijiet huma ċeduti bħala assi intanġibbli (*lex generalis*). Fejn il-pretensjonijiet ikunu inkorporati f'ċertifikat (bħal, pereżempju, fil-każ ta' bonds tal-portatur jew kupuni għall-imgħax fiżikament separabbli mill-bond tal-portatur) jew rappreżentati minn entrata fil-kotba (bħal, pereżempju, fil-każ ta' bonds f'forma ta' entrata fil-kotba jew kupuni għall-imgħax separati f'forma ta' entrata fil-kotba), jenħtieġ li l-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' tali pretensjonijiet jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li japplikaw ir-regoli speċjali dwar il-kunflitt tal-liġijiet applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' pretensjonijiet bħala assi tanġibbli (bħar-regoli li jirregolaw l-istrumenti negozjabbli jew l-istrumenti finanzjarji) jew permezz ta' krediti u debiti (bħar-regoli li jirregolaw l-istrumenti finanzjarji fil-forma ta' entrata fil-kotba) (*lex specialis*). L-esklużjoni taċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet li huma inkorporati f'ċertifikat jew rappreżentati minn entrata fil-kotba jenħtieġ li tkun estiża għal sitwazzjonijiet fejn il-pretensjoni hija rreġistrata f'reġistru miżmum mill-kumpanija li toħroġ it-titoli li minnhom tirriżulta l-pretensjoni, bħal ishma reġistrati.

(16c) Il-pretensjonijiet jistgħu jirriżultaw minn titoli trasferibbli, pereżempju pretensjoni għal dividendi li jirriżultaw minn sehem jew pretensjoni għall-imgħax li jirriżulta minn bond. Dawn il-pretensjonijiet jistgħu, skont il-liġi applikabbli għat-titolu, jiġu ċeduti separatament mit-titolu li minnu jirriżultaw u f'forma intanġibbli (pereżempju, azzjonist jista' jċedi pretensjonijiet għal dividendi lil bank bħala kollateral biex jikseb finanzjament). Iċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet separatament mit-titolu li jirriżultaw minnu u f'forma intanġibbli (jiġifieri, meta ma jkunux inkorporati f'ċertifikat, rappreżentati minn entrata fil-kotba jew reġistrati permezz tad-DLT) jenħtieġ li, għal raġunijiet ta' konsistenza mal-liġi applikabbli għat-titoli u minħabba l-eżistenza ta' prattiki differenti fl-Istati Membri, tiġi eskluża wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(16d) Pretensjonijiet li jirriżultaw taħt kambjali, ċekkijiet, u noti promettenti u minn strumenti negozjabbli oħra, sa fejn il-pretensjonijiet li jirriżultaw minn dawn l-istrumenti negozjabbli oħra jirriżultaw min-natura negozjabbli tagħhom, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. It-terminu "strumenti negozjabbli" għandu tifsira differenti fid-dritt privat u fl-acquis finanzjarju tal-Unjoni. Fl-acquis finanzjarju tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji¹¹, it-terminu "strumenti negozjabbli" huwa kunċett usa' li jinkludi strumenti li kapaċi jiġu nnegożjati fis-swieq kapitali, u b'hekk jinkludi strumenti finanzjarji bħal titoli trasferibbli u derivattivi. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-terminu "strumenti negozjabbli" jenħtieġ li jinftehem skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Ruma I u li jinkludi wkoll poloz ta' kargu, sa fejn il-pretensjonijiet taħt il-polza ta' kargu jirriżultaw min-natura negozjabbli tagħha, u bonds tal-portatur, sa fejn il-pretensjonijiet taħt il-bond tal-portatur jirriżultaw min-natura negozjabbli tiegħu.

¹¹ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349-496.

(16e) L-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjoni tal-pretensjonijiet irregolati mil-liġi tal-kumpaniji u korpi oħra, korporattivi jew mhux korporattivi, bħall-ħolqien, b'reġistrazzjoni jew b'mod ieħor, il-kapaċità ġuridika, l-organizzazzjoni interna jew l-istralċ ta' kumpaniji u korpi oħra, korporattivi jew mhux korporattivi, u r-responsabbiltà personali ta' uffiċjali u membri, bħala tali, għall-obbligi tal-kumpanija jew tal-korp, jenħtieġ li, skont ir-Regolament Ruma I, ma jiġux koperti minn dan ir-Regolament.

(16f) L-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni ta' pretensjoni li detentur ta' kont jew parti terza jista' jkollhom fil-liġi, inkluż għall-irkupru, ir-restituzzjoni jew id-danni, fir-rigward ta' tranżazzjoni fil-kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE (id-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet) li saret finali fir-Reġistru tal-Unjoni tal-kontijiet u t-tranżazzjoni tal-kwoti tal-emissjonijiet, pereżempju f'każ ta' frodi jew żball tekniku, jenħtieġ li jiġu koperti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan ma jwassalx biex it-tranżazzjoni titreġġa' lura, tiġi revokata jew likwidata fir-Reġistru tal-Unjoni.

(17) **Jenħtieġ li** dan ir-Regolament **jikkonċerna** [...] l-effetti fuq il-partijiet terzi f'ċessjoni tal-pretensjonijiet. **Jenħtieġ li** [...] ma jkoprix it-trasferiment ta' [...] kuntratti (bħall-kuntratti ta' derivattivi), li fihom ikun hemm inklużi kemm id-drittijiet (jew il-pretensjonijiet) u l-obbligi, jew in-novazzjoni ta' kuntratti li jinkludu tali drittijiet u obbligi. **Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax ukoll għal kunflitti ta' prijorità possibbli li jirriżultaw miċ-ċessjoni ta' pretensjoni inkluża f'kuntratt u n-novazzjoni ta' dak il-kuntratt.** Billi **jenħtieġ li** [...] dan ir-Regolament ma jkoprix it-trasferiment jew in-novazzjoni tal-kuntratti, **jenħtieġ li** [...] n-negozjar fl-istrumenti finanzjarji, kif ukoll l-ikklerjar u s-saldu ta' dawn l-istrumenti, ikompli jiġu regolati mil-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali kif inhu stipulat fir-Regolament Ruma I. [...]

(18) [...] ¹²[...] ¹³[...] ¹⁴[...] ¹⁵[...]

[...] Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun universali: il-liġi ddeterminata minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tapplika anke jekk ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru.

(19[...]) Il-prevedibbiltà hija essenzjali għal partijiet terzi interessati fl-akkwist ta' titolu legali fuq il-pretensjoni ċeduta. L-applikazzjoni tal-liġi tal-**Istat** [...] fejn iċ-ċedent ikollu r-residenza abitwali tiegħu fuq l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet tippermetti lill-partijiet terzi kkonċernati li jkunu jafu faċilment bil-quddiem liema liġi nazzjonali tkun ser tirregola d-drittijiet tagħhom. Il-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent jenħtieġ għalhekk li tapplika bħala regola rigward l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet. Jenħtieġ li din ir-regola tapplika, b'mod partikolari, għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjoni tal-pretensjonijiet fil-fatturament, **arranġamenti kollaterali** [...] u, fejn il-partijiet ma jkunux għażlu l-liġi tal-pretensjoni ċeduta, **għall-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjoni tal-pretensjonijiet fil-kuntast tat-titolizzazzjoni u l-ħruġ ta' bonds koperti**.

12 [...]
13 [...]
14 [...]
15 [...]

(20[...]) Il-liġi magħżula bħala regola biex tapplika għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet jenħtieġ li tippermetti d-determinazzjoni tal-liġi applikabbli fejn pretensjonijiet futuri jiġu ċeduti **jew[...]** fejn [...] pretensjonijiet jiġu ċeduti **kollettivament, fejn it-tnejn li huma jkunu Prattika komuni,** bħal fil-fatturament. L-applikazzjoni tal-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent **bħala regola tiffaċilita** [...] d-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet futuri **u ta' ċessjonijiet kollettivi ta' pretensjonijiet soġġetti għal liġijiet differenti.**

(21[...]) Il-ħtieġa li jiġi ddeterminat min għandu titolu legali fuq pretensjoni ċeduta **hija partikolarment importanti** [...] meta ċ-ċedent isir insolventi, **peress li l-pretensjonijiet huma assi li jistgħu jiġu inklużi fil-patrimonju tal-insolvenza u l-kredituri jeħtieġ li jkunu jafu jekk il-pretensjonijiet ċeduti għadhomx parti minnu,**[...] Għaldaqstant hija mixtieqa koerenza bejn ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet f'dan ir-Regolament u dawk stipulati fir-**Regolament dwar l-Insolvenza** (Regolament (UE) 2015/848 dwar il-proċedimenti tal-insolvenza). Il-koerenza jenħtieġ li tintlaħaq bl-applikazzjoni ta' regola tal-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet, minħabba li l-użu tar-residenza abitwali taċ-ċedent bħala fattur ta' konnessjoni **normalment** jikkoinċidi maċ-ċentru ta' interess prinċipali tad-debitur użat bħala fattur ta' konnessjoni għal finijiet ta' insolvenza.

(22) Dan ir-Regolament u r-Regolament dwar l-Insolvenza jistipulaw regoli komplementari dwar il-kunflitt tal-liġijiet. Il-liġi applikabbli deżinjata minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tapplika l-ewwel biex tiddetermina jekk ċessjoni tal-pretensjonijiet li saret qabel il-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza tkunx saret effettiva kontra partijiet terzi, inkluż il-kredituri taċ-ċedent. Jekk dan ikun il-każ, jenħtieġ li l-liġi applikabbli skont ir-Regolament dwar l-Insolvenza mbagħad tiddetermina jekk iċ-ċessjoni kinitx att detrimental għall-korp ġenerali tal-kredituri u tirregola n-nullità, l-annullabbiltà jew in-nuqqas ta' infurzabbiltà taċ-ċessjoni. Jekk pretensjoni għandha tiġi ċeduta wara li jkunu nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza, jenħtieġ li l-liġi applikabbli skont ir-Regolament dwar l-Insolvenza tiddetermina jekk, jew taħt liema kondizzjonijiet, tistax issir iċ-ċessjoni. Soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi applikabbli għall-insolvenza, jenħtieġ li l-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament imbagħad tiddetermina l-effettività taċ-ċessjoni kontra partijiet terzi.

- (23) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2001 dwar iċ-Ċessjoni tar-Riċevibbli fil-Kummerċ Internazzjonali tistipula li l-prijorità tad-dritt ta' ċessjonarju fir-riċevibbli ċedut fuq id-dritt ta' pretendent kompetitur hija rregolata mil-liġi tal-Istat li fih jinsab iċ-ċedent. Il-kompatibbiltà bejn il-**liġi li tapplika bħala regola skont** [...] dan ir-Regolament u s-soluzzjoni ffavorita fil-livell nazzjonali mill-Konvenzjoni jenħtieġ li tiffaċilita r-risoluzzjoni tat-tilwim internazzjonali.
- (24) Fejn iċ-ċedent jibdel ir-residenza abitwali tiegħu bejn ċessjonijiet multipli tal-istess pretensjoni, il-liġi applikabbli jenħtieġ li tkun il-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent fiż-żmien [...] taċ-ċessjoni [...] **li l-ewwel saret** effettiva kontra partijiet terzi [...] skont il-liġi [...] dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent **applikabbli għaliha. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi ddeterminat, skont il-liġi dwar ir-residenza abitwali taċ-ċedent applikabbli għal kull waħda miċ-ċessjonijiet, il-mument li fih kull ċessjoni saret effettiva kontra partijiet terzi** [...].
- (25) F'konformità mal-prattika tas-suq u l-bżonnijiet tal-parteciċpanti tas-suq, l-effetti fuq partijiet terzi ta' ċerti ċessjonijiet ta' pretensjonijiet jenħtieġ li, bħala eċċezzjoni, jiġu rregolati mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta, jiġifieri, il-liġi li tirregola l-kuntratt inizjali bejn il-kreditur u d-debitur li minnu tirriżulta l-pretensjoni.

(26) Il-liġi tal-pretensjoni ċeduta jenħtieġ li tirregola l-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjoni minn detentur ta' kont ta' flus ikkreditati f'kont [...], fejn id-detentur ta' kont ikun il-kreditur/ċedent u l-**fornitur tal-kont** [...] ikun id-debitur. Prevedibbiltà akbar tiġi pprovdata lil partijiet terzi, bħall-kredituri taċ-ċedent u ċ-ċessjonarji kompetituri, jekk il-liġi tal-pretensjoni ċeduta tapplika għall-effetti fuq partijiet terzi ta' dawn iċ-ċessjonijiet minħabba li ġeneralment jiġi preżunt li l-pretensjoni li jkollu detentur ta' kont fuq il-flus ikkreditati f'kont [...] tkun irregolata mil-liġi tal-**Istat** [...] fejn jinsab il-**fornitur tal-kont** [...] (u mhux bil-liġi tar-residenza abitwali tad-detentur tal-kont/taċ-ċedent). Din il-liġi normalment tintgħażel fil-kuntratt tal-kont bejn id-detentur tal-kont u l-**fornitur tal-kont** [...]. **F'konformità ma' approċċ newtrali għat-teknoloġija, il-liġi tal-pretensjoni ċeduta jenħtieġ li tapplika wkoll għal "flus elettroniċi" kif definiti fid-Direttiva 2009/110/KE (EMD2) u għal "tokens tal-flus elettroniċi" kif definiti fir-Regolament [XXX] dwar is-swieg fil-kriptoassi (MiCA).**

(26a) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, trasferiment ta' fondi minn kont għall-ieħor ma jikkostitwixxix ċessjoni ta' pretensjoni.

(27) Sabiex jiġi ppreservat il-funzjonament bla xkiel tas-swieg finanzjarji, l-effetti fuq partijiet terzi [...] fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn [...] strumenti finanzjarji, bħal pretensjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti tad-derivattivi, inkluż fejn maħruġa permezz ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, jenħtieġ li [...] jkunu soġġetti għal-liġi li tirregola l-pretensjoni ċeduta[...]. Pretensjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti tad-derivattivi jistgħu jkunu pretensjoni għal pagamenti intermedji matul il-ħajja tal-kuntratt tad-derivattivi u l-pretensjoni għall-ammont ta' għeluq mat-terminazzjoni tal-kuntratt tad-derivattivi. L-applikazzjoni tal-liġi tal-pretensjoni ċeduta tffisser li l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni ta' tali pretensjonijiet ikunu soġġetti għal-liġi magħżula mill-partijiet biex tirregola l-kuntratt tad-derivattivi tagħhom skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Ruma I (fejn il-pożizzjonijiet derivattivi jiġu ttrasferiti barra l-borża) jew, fejn il-pożizzjonijiet derivattivi jiġu ttrasferiti fuq ċentru tan-negozjar (jiġifieri, derivattivi nnegozjati fil-borża), fin-nuqqas ta' għażla ta' liġi, għal-liġi taċ-ċentru tan-negozjar skont l-Artikolu 4(1)(h) tar-Regolament Ruma I. Bl-istess mod, meta l-pretensjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti tad-derivattivi jiġu ttrasferiti fi ħdan infrastrutturi jew sistemi tas-swieg finanzjarji, l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet ikunu soġġetti għal-liġi magħżula mill-parteċipanti fl-infrastruttura jew fis-sistema tas-suq finanzjarju kif meħtieġ mill-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu. F'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Ruma I, il-liġi tal-pretensjoni ċeduta, kemm jekk magħżula mill-partijiet jew, fin-nuqqas ta' għażla, kif stipulat mir-regoli taċ-ċentru tan-negozjar, jenħtieġ li tiddetermina ċ-ċessionabbiltà tal-pretensjoni.

(27bis) Il-liġi tal-pretensjoni ċeduta jenħtieġ li tirregola wkoll l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn kriptoassi li ma jikkwalifikawx bħala strumenti finanzjarji jew bħala flus elettroniċi.

(27i) Il-funzjonament bla xkiel tas-swieg finanzjarji jirrikjedi wkoll li l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn (i) kuntratti finanzjarji (bħal ftehim prinċipali), arranġamenti kollaterali assoċjati u arranġamenti ta' netting assoċjati kif definiti f'dan ir-Regolament; (ii) tranżazzjonijiet fis-swieg finanzjarji (jiġifieri, it-trasferiment ta' strumenti finanzjarji barra l-borża jew f'ċentri tan-negożjar); u (iii) il-partiċipazzjoni f'infrastrutturi jew sistemi tas-swieg finanzjarji, bħas-sistemi tal-ikklerjar minn kontroparti ċentrali (CCPs) u s-sistemi tas-saldu jenħtieġ li jkunu soġġetti għal-liġi li tirregola l-pretensjoni ċeduta. Dan ifisser li l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratti u l-arranġamenti msemmija hawn fuq, mill-kuntratti ta' negożjar konklużi fis-swieg finanzjarji u mill-kuntratti relatati mal-ikklerjar u s-saldu konklużi fi ħdan l-infrastrutturi jew is-sistemi tas-swieg finanzjarji, ikunu soġġetti għal-liġi magħżula mill-partijiet jew għal-liġi applikabbli b'mod awtomatiku fin-nuqqas ta' għażla tal-liġi. Il-partijiet għall-kuntratt finanzjarju u l-arranġament assoċjat, il-partijiet għall-kuntratt ta' negożjar, u l-partijiet għall-kuntratt konkluż fi ħdan infrastruttura jew sistema tas-swieg finanzjarji jagħżlu l-liġi li tirregola l-kuntratt tagħhom skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Ruma I għal tranżazzjonijiet barra l-borża u, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu, għal kuntratti konklużi fi ħdan infrastruttura jew sistema tas-suq finanzjarju. Għal tranżazzjonijiet konklużi f'ċentru tan-negożjar, skont l-Artikolu 4(1)(h) tar-Regolament Ruma I, il-liġi applikabbli għaċ-ċentru tan-negożjar tkun tapplika fin-nuqqas ta' għażla tal-liġi. Fil-każ ta' kuntratti ta' negożjar konklużi fi swieg finanzjarji (barra l-borża jew f'ċentri tan-negożjar) u ta' kuntratti konklużi fi ħdan infrastruttura jew sistema ta' swieg finanzjarji tal-ikklerjar jew tas-saldu, il-funzjonament bla xkiel tas-swieg finanzjarji huwa żgurat peress li l-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni ta' pretensjonijiet li jirriżultaw minn tali kuntratti (il-liġi tal-pretensjoni ċeduta) tkun l-istess liġi bħal dik applikabbli għal tali kuntratti, jiġifieri, il-liġi magħżula mill-partijiet għall-kuntratt għal tranżazzjonijiet barra l-borża (skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Ruma I), il-liġi magħżula mill-partiċipanti f'sistema għal kuntratti konklużi fi ħdan is-sistema (kif meħtieġ mill-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu), jew il-liġi taċ-ċentru tan-negożjar għal tranżazzjonijiet konklużi fiċ-ċentru tan-negożjar fin-nuqqas ta' għażla tal-liġi (skont l-Artikolu 4(1)(h) tar-Regolament Ruma I).

(27ii) L-effetti fuq partijiet terzi taċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet tal-munita barranija jenħtieġ li jkunu rregolati wkoll mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta, jew bħala pretensjonijiet li jirriżultaw minn derivattivi u, għalhekk, bħala pretensjonijiet li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji, inkella bħala pretensjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet tal-munita immedjati skont il-kondizzjonijiet stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565.

(27a) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li t-tranżazzjoni fi swieq finanzjarji jinftehem li jinkludu tranżazzjonijiet li jitwettqu barra l-borża (OTC), tranżazzjonijiet eżegwiti f'ċentri tan-negożjar u fil-boroż, inkluż swieq regolati taż-ŻEE, faċilitajiet multilaterali tan-negożjar (MTFs) u faċilitajiet organizzati tan-negożjar (OTFs), jew eżegwiti permezz ta' internalizzatur sistematiku awtorizzat skont il-MiFID u, f'kull każ, kwalunkwe suq finanzjarju ta' pajjiż terz funzjonalment ekwivalenti. Il-parteeċipazzjoni f'infrastrutturi tas-swieq finanzjarji jenħtieġ li tinftiehem li tinkludi kwalunkwe sistema ta' saldu u pagament tat-titoli, infrastrutturi tas-swieq finanzjarji awtorizzati jew regolati bħala kontroparti ċentrali (CCP) u depożitorju ċentrali tat-titoli (CSD), u kwalunkwe sistema li hija ddeterminata jew b'xi mod ieħor protetta għall-finijiet tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu¹⁶ (SFD) u, f'kull każ, kwalunkwe infrastruttura tas-swieq finanzjarji ta' pajjiż terz funzjonalment ekwivalenti.

¹⁶ Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli, ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45–50.

(27b) L-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn ftehimiet li permezz tagħhom jingħata kreditu fil-forma ta' self jenħtieġ li jkunu rregolati mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta. Dan jenħtieġ li jinkludi pretensjonijiet għal kreditu kif definiti fil-punt (o) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47, li ta' spiss jintużaw bħala kollateral finanzjarju fi ħdan l-Eurosistema. Sabiex tiġi ffaċilitata ċ-ċessjoni transfruntiera ta' pretensjonijiet li jirriżultaw minn self sindakat u finanzjament kollettiv ibbażat fuq is-self fis-swieg finanzjarji sekondarji, l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet li jirriżultaw minn self sindakat u finanzjament kollettiv ibbażat fuq is-self jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal-liġi tal-pretensjoni ċeduta.

(28) Jenħtieġ li fid-determinazzjoni tal-liġi applikabbli rigward l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet fil-kuntest ta' titolizzazzjoni tiġi pprovduta l-flessibbiltà, sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tat-titolizzaturi kollha u sabiex tiġi ffaċilitata l-espansjoni tas-suq tat-titolizzazzjoni transfruntier għal operatori iżgħar. **Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli regolatorji applikabbli għas-swieg finanzjarji. Jenħtieġ li t-titolizzazzjoni tkun iddefinita f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402.¹⁷ Peress li l-ħruġ ta' bonds koperti jippreżenta karatteristiċi li huma simili għal dawk ta' titolizzazzjoni u sa fejn il-ħruġ ta' bonds koperti jinvolvi ċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet, jenħtieġ li l-istess flessibbiltà tapplika għall-ħruġ ta' bonds koperti. Jenħtieġ li l-bonds koperti jkunu ddefiniti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/2162.¹⁸**

¹⁷ Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jstabilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012.

¹⁸ Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttivi 2009/65/KE u 2014/59/UE.

(28a) Fejn [...] il-liġi dwar ir-residenza abitwali ta' ċedent **tapplika** [...] bħala r-regola prestabbilita rigward l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-**ċessjoni tal-pretensjonijiet** [...] fil-kuntest ta' titolizzazzjoni **jew il-ħruġ ta' bonds koperti**, iċ-ċedent (**l**-oriġinatur **f'titolizzazzjoni**) u ċ-ċessjonarju (**l**-entità bi skop speċjali **f'titolizzazzjoni**) jenħtieġ li jkollhom l-għażla li l-liġi tal-pretensjoni ċeduta tapplika rigward l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet. **Fejn, min-naħa l-oħra, il-liġi tal-pretensjoni ċeduta tapplika bħala r-regola prestabbilita għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet, iċ-ċedent u ċ-ċessjonarju fil-kuntest ta' titolizzazzjoni jew il-ħruġ ta' bonds koperti jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqblu li l-liġi tar-residenza abitwali ta' ċedent jenħtieġ li tapplika għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet ta' ċessjoni tal-pretensjonijiet. B'hekk, iċ-ċedent** [...] u ċ-ċessjonarju jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet fil-kuntest ta' titolizzazzjoni **jew il-ħruġ tal-bonds koperti** jenħtieġ li **jkunu** [...] soġġetti [...] għar-regola tar-residenza abitwali ta' ċedent, jew [...] għal-liġi tal-pretensjoni ċeduta fid-dawl tal-istruttura u l-karatteristiċi tat-tranżazzjoni, pereżempju, l-għadd u l-lokazzjoni tal-oriġinaturi u l-għadd ta' liġijiet **li** [...] jirregolaw il-pretensjonijiet ċeduti.

(28b) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u sabiex tkun tista' ssir il-verifika tal-eżistenza ta' għażla tal-liġi, jenħtieġ li ftehim dwar l-għażla tal-liġi jiġi dokumentat bil-miktub jew b'mezzi elettroniċi li jipprovdu rekord dejjiemi tal-ftehim.

(29) Kunflitti prijoritarji bejn ċessjonarji tal-istess pretensjoni jistgħu jirriżultaw meta l-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjoni jkunu ġew soġġetti għal-liġi dwar ir-residenza abitwali ta' ċedent f'ċessjoni waħda u għal-liġi tal-pretensjoni ċeduta f'ċessjoni oħra. F'każijiet bħal dawn, il-liġi applikabbli sabiex jissolva l-kunflitt prijoritarju jenħtieġ li tkun il-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjoni li [...] l-ewwel li **tkun saret** [...] fil-konfront ta' partijiet terzi skont il-liġi applikabbli tagħha.

- (30) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali determinata minn dan ir-Regolament bħala l-liġi applikabbli għall-effetti fuq il-partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjonijiet jenħtieġ li jkun uniformi. Il-liġi nazzjonali determinata bħala applikabbli **skont dan ir-Regolament** jenħtieġ li tirregola b'mod partikolari (i) l-effettività taċ-ċessjoni **tal-pretensjoni** fil-konfront ta' partijiet terzi, jiġifieri, il-passi li jeħtieġ li jittieħdu **sabiex** [...] iċ-ċessjonarju [...] **jakkwista** [...] titolu legali fuq il-pretensjoni ċeduta (pereżempju, [...] in-notifika bil-miktub ta' ċessjoni lid-debitur); u (ii) kwistjonijiet prijoritarji, jiġifieri, kunflitti bejn diversi pretendenti **kompetituri** dwar min **akkwista** t-titolu fuq il-pretensjoni **ċeduta** (pereżempju, bejn żewġ ċessjonarji fejn l-istess ċessjoni tkun ġiet ċeduta darbtejn, jew bejn ċessjonarju u kreditur taċ-ċedent). **Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, it-titolu legali fuq pretensjoni jinkludi s-sjieda tal-pretensjoni kif ukoll drittijiet oħra ta' intitolament skont il-liġi nazzjonali, bħall-intitolament ta' kreditur.**
- (31) Fid-dawl tal-karattru universali ta' dan ir-Regolament, il-liġijiet tal-**Istati** [...] bi tradizzjonijiet legali differenti jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-liġi applikabbli. Fejn, wara ċ-ċessjoni ta' pretensjoni, il-kuntratt li minnu tirriżulta l-pretensjoni jiġi ttrasferit, il-liġi determinata minn dan ir-Regolament bħala l-liġi applikabbli rigward l-effetti fuq partijiet terzi **taċ-**ċessjoni [...] **tal-pretensjoni** jenħtieġ li tirregola wkoll kunflitt prijoritarju bejn iċ-ċessjonarju tal-pretensjoni u l-benefiċjarju l-ġdid tal-istess pretensjoni wara t-trasferiment tal-kuntratt li minnu tirriżulta l-pretensjoni. [...]
- (32) Konsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku jiġġustifikaw li l-qrati tal-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiġu applikati eċċezzjonijiet ibbażati fuq l-ordni pubbliku u fuq dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti, li jenħtieġ li **jitqiesu** [...] b'mod restrittiv.

(32a) Meta konsumatur ikun involut fiċ-ċessjoni ta' pretensjoni bħala parti terza, jenħtieġ li r-regoli sostantivi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur japplikaw meta l-liġi determinata minn dan ir-Regolament tkun il-liġi ta' Stat Membru. Fejn il-liġi determinata minn dan ir-Regolament hija l-liġi ta' Stat li mhux Stat Membru, jenħtieġ li l-qorti li ssolvi tilwima tkun intitolata li tapplika, skont l-Artikoli 6 u 7 ta' dan ir-Regolament u taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fihom, id-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti tal-forum jew li tirrifjuta l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi applikabbli li tmur kontra l-ordni pubbliku tagħha. Meta konsumatur ikun id-debitur tal-pretensjoni ċeduta, il-pożizzjoni tiegħu jenħtieġ li tkun irregolata mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Ruma I. Ir-regoli sostantivi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż dawk dwar il-kreditu tal-konsumatur u l-kreditu ipotekarju, jenħtieġ li ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

(32b) Peress li hemm xi Stati li fihom jeżistu fl-istess ħin żewġ sistemi legali jew aktar jew ġabriet ta' regoli li jittrattaw kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament, għandu jkun hemm dispożizzjoni li tirregola sa liema punt japplika dan ir-Regolament fl-unitajiet territorjali differenti ta' dawk l-Istati.

(32c) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippreġudikax l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi tal-Unjoni li jstabilixxu regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet dwar l-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjonijiet tal-pretensjonijiet b'rabta ma' kwistjonijiet speċifiċi. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar il-kunflitt tal-liġijiet fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-Kollateral Finanzjarju¹⁹ (DKF), l-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu (DFS), l-Artikoli 24 u 31 tad-Direttiva dwar l-Istralċ²⁰ (WUD) u l-kwistjonijiet irregolati mir-Regolament dwar ir-Reġistru tal-Unjoni²¹ jenħtieġ li ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

(33) Ir-rispett tal-impnġi internazzjonali li jkunu daħlu għalihom l-Istati Membri jfisser li dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jaffettwax konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom Stati Membri jkunu parti fil-mument meta dan ir-Regolament jiġi adottat. Sabiex ir-regoli jsiru iktar aċċessibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippubblika lista tal-konvenzjonijiet rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* **u l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika** abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

(33a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Cape Town tal-2001 dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u l-Protokoll tagħha.

(33b) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe effett retroattiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għaċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet meta l-kuntratt ta' ċessjoni ikun ġie konkluż fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew warajha.

¹⁹ Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43–50.

²⁰ Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15-23.

²¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 li jstabilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nru 280/2004/KE u Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 920/2010 u Nru 1193/2011, ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1–59.

- (34) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jara li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 17 u 47 li jirrigwardaw rispettivament id-dritt tal-proprjetà u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust.
- (35) Ġaladarba l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu għalkollox mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri [...] skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar [...] l-Unjoni Ewropea. L-uniformità mixtieqa tar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet marbutin mal-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet tista' tintlaħaq biss permezz ta' Regolament, minħabba li Regolament biss jista' jiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni konsistenti tar-regoli fil-livell nazzjonali. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità [...] kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ [...] sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.
- (36) Skont l-Artikoli 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal- ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, [...]l-Irlanda[...] mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u [...] mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.[...]
- (37) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-**Trattat** [...] dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

KAPITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu kunflitt ta' liġijiet, għall-effetti fuq il-partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet **volontarji** tal-pretensjonijiet **u s-surroga kuntrattwali** f'materji ċivili u kummerċjali.

M'għandux japplika, b'mod partikolari, għal kwistjonijiet fiskali, doganali jew amministrattivi.

1a. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' strumenti finanzjarji, inkluż permezz ta' titoli u wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq dawn l-istrumenti finanzjarji. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju, unitajiet f'intrapriżi ta' investiment kollettiv, inkluż permezz ta' titoli u wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq dawn l-istrumenti finanzjarji.

1ab. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment ta' kryptoassi, kemm jekk jikkwalifikaw bħala strumenti finanzjarji kif ukoll jekk le, inkluż permezz ta' titoli, wegħdiet jew drittijiet ta' titolu oħra fuq dawn il-kryptoassi.

1aa. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-effetti fuq partijiet terzi tat-trasferiment tad-drittijiet ta' titolu fuq assi għajr pretensjonijiet, b'mod partikolari proprjetà immobbli u proprjetà mobbli soġġetta għal reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku stabbilit bil-liġi, inkluż kwalunkwe rekwiżit fir-rigward tal-forma jew ir-reġistrazzjoni għall-effettività tat-trasferiment tad-drittijiet ta' titolu u l-effetti ta' konformità jew nuqqas ta' konformità ma' tali rekwiżiti għar-risoluzzjoni ta' kunflitti ta' prijorità fuq il-pretensjoni titolizzata.

2. Iċ-**ċessjonijiet tal-pretensjonijiet** li ġejjin għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

(a) [...] pretensjonijiet li jirriżultaw **minn** [...] relazzjonijiet familjari u relazzjonijiet li huma meqjusin mil-liġi bħala applikabbli għal dawn ir-relazzjonijiet li jkollhom effetti kumparabbli, inkluż obbligi ta' manteniment;

(b) [...] pretensjonijiet li jirriżultaw **minn** [...] reġimi ta' proprjetà matrimonjali, reġimi ta' proprjetà ta' relazzjonijiet meqjusa mil-liġi applikabbli għal dawn ir-relazzjonijiet bħala li għandhom effett komparabbli ma' dak taż-żwieġ, u testmenti u suċċessjoni;

(c) [...] pretensjonijiet li jirriżultaw **minn** [...] kambjali, ċekkijiet, u noti promettenti u minn strumenti negozjabbli oħra sa fejn il-**pretensjonijiet** [...] li jirriżultaw minn dawn l-istrumenti negozjabbli oħra jirriżultaw min-natura negozjabbli tagħhom;

(d) [...] pretensjonijiet [...] irregolati mil-liġi tal-kumpaniji u korpi oħra, korporattivi jew mhux korporattivi, bħal **pretensjonijiet li jirriżultaw mill**-ħolqien, b'reġistrazzjoni jew b'mod ieħor, il-kapaċità ġuridika, l-organizzazzjoni interna jew l-istralċ ta' kumpaniji u korpi oħra, korporattivi jew mhux korporattivi, u r-responsabbiltà personali ta' uffiċjali u membri, bħala tali, għall-obbligi tal-kumpanija jew tal-korp;

(e) [...] pretensjonijiet li jirriżultaw [...] **mill**-kostituzzjoni ta' trusts u r-relazzjoni bejn il-kostitwenti, il-fiduċjarji u l-benefiċjarji;

(f) [...] pretensjonijiet li jirriżultaw **minn** [...] kuntratti ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja li jirriżultaw **minn** [...] operazzjonijiet imwettqa minn organizzazzjonijiet differenti mill-intrapriżi imsemmijin fl-Artikolu 2(1) u (3) tad-Direttiva 2009/138/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), [...] ¹ li jkollhom l-għan li jipprovdu benefiċċji lil persuni impjegati jew li jaħdmu għal rashom u li jkunu parti minn intrapriża jew minn grupp ta' intrapriżi, jew assoċjati ma' sengħa jew ma' grupp ta' snajja', fil-każ ta' mewt jew ta' sopravvivenza jew fil-każ li l-attività titwaqqaf jew tiġi ridotta, jew f'każ ta' mard relatat max-xogħol jew ma' inċidenti fuq ix-xogħol; [...]

(g) pretensjonijiet inkorporati f'ċertifikat jew rappreżentati minn entrata fil-kotba;

(h) pretensjonijiet li jirriżultaw minn titolu trasferibbli, strument tas-suq monetarju jew unità f'intrapriża għal investiment kollettiv.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "ċedent" tfisser persuna li titrasferixxi d-dritt **tagħha** [...] li titlob id-dejn fil-konfront ta' debitur fuq persuna oħra;

(b) "ċessjonarju" tfisser persuna li tikseb id-dritt li titlob id-dejn fil-konfront ta' debitur mingħand persuna oħra;

¹ [...]

(c) "ċessjoni" tfisser it-trasferiment volontarju tad-dritt li jintalab id-dejn mingħand debitur; **dan** [...] jinkludi t-trasferimenti diretti ta' pretensjonijiet, surrogi kuntrattwali, trasferimenti ta' pretensjonijiet permezz ta' garanzija u wegħdjet jew drittijiet ta' titolu oħrajn fuq il-pretensjonijiet, **iżda ma jkoprix trasferimenti ta' kuntratti, li fihom hemm inklużi kemm id-drittijiet kif ukoll l-obbligi, jew in-novazzjoni ta' kuntratti inkluż tali drittijiet u obbligi;**

(d) "pretensjoni" tfisser d-dritt li jintalab dejn ta' kwalunkwe natura, sew jekk monetarju jew mhux monetarju, u sew jekk jirriżulta **minn** [...] obbligi kuntrattwali jew mhux kuntrattwali;

(e) "effetti fuq partijiet terzi" tfisser [...] id-dritt ta' **persuna** [...] li tasserixxi titolu legali [...] fuq [...] **pretensjoni ċeduta fil-konfront ta' partijiet terzi, inkluż** [...] ċessjonarji jew benefiċjarji tal-istess [...] pretensjoni, kredituri taċ-ċedent u partijiet terzi oħrajn, **mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tad-debitur skont il-liġi applikabbli skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Ruma I;**

(f) "residenza abitwali" tfisser, għal kumpaniji u korpi oħra, korporattivi jew mhux korporattivi, il-post tal-amministrazzjoni ċentrali; għal persuni fiżiċi fil-kors tal-eżerċizzju tal-attività tan-negozju **tagħhom** [...], il-post prinċipali tan-negozju **tagħhom** [...];

- (g) [...]²[...]³[...] **"titolizzazzjoni" tfisser tranżazzjoni jew skema kif definita fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 (ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni);**
- (ga) **"bonds koperti" tfisser obbligu ta' dejn kif definit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2162 (Direttiva dwar Bonds Koperti);**
- (h) **"flus kontanti" tfisser flus [...] kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE (FCD);**
- (ħa) **"flus elettroniċi" tfisser flus elettroniċi kif definiti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2009/110/KE (EMD2);**
- (hc) **"kriptoassi" tfisser assi kriptografiku kif definit fl-Artikolu [3(1)(2)] tar-Regolament [XXX] dwar is-swieg tal-kriptoassi (MiCA);**
- (i) **"strument finanzjarju" tfisser I-strumenti [...] speċifikati fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE⁴ (MiFID);**

2 [...]
3 [...]
4 [...]

- (ia) "titoli trasferibbli" tfisser l-istrumenti speċifikati fl-Artikolu 4(1)(44) tad-Direttiva 2014/65/UE (MiFID);**
- (i) "kuntratt finanzjarju" tfisser l-istrumenti speċifikati fl-Artikolu 2(1)(100) tad-Direttiva 2014/59/UE (BRRD);**
- (ja) "arranġament kollaterali" tfisser arranġament kollaterali finanzjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2002/47/KE (FCD) u titolu kollaterali skont it-tifsira tal-Artikolu 2(m) tad-Direttiva 98/26/KE (SFD);**
- (k) "arranġament ta' totalizzar" tfisser arranġament kif definit fl-Artikolu 2(1)(47) tar-Regolament (UE) 2021/23 dwar qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' kontropartijiet ċentrali (CCP RRR);**
- (l) "tranżazzjoni ta' kambju barrani immedjata" tfisser kuntratt kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565.**

KAPITOLU II

REGOLI UNIFORMI

Artikolu 3

Applikazzjoni universali

Kwalunkwe liġi speċifikata minn dan ir-Regolament għandha tiġi applikata, kemm jekk hi l-liġi ta' Stat Membru kif ukoll jekk mhix.

Artikolu 4

Liġi applikabbli

1. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjoni tal-pretensjonijiet għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-**Istat** [...] li fih iċ-ċedent jkollu r-residenza abitwali tiegħu **fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' ċessjoni** [...].

Fejn iċ-ċedent jibdel ir-residenza abitwali tiegħu bejn żewġ ċessjonijiet tal-istess pretensjoni indirizzati lil ċessjonarji differenti, il-prijorità tad-dritt ta' ċessjonarju fuq id-dritt ta' ċessjonarju ieħor għandha tiġi rregolata mil-liġi dwar ir-residenza abitwali ta' iċ-ċedent fiż-żmien meta iċ-ċessjoni tkun saret effettiva għall-ewwel darba fil-konfront ta' partijiet terzi skont il-liġi magħżula bħala applikabbli skont l-ewwel subparagrafu.

2. Il-liġi applikabbli għall-pretensjoni ċeduta għandha tirregola l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni ta':

(a) **pretensjonijiet ta' flus** [...] **kontanti u pretensjonijiet ta' flus elettroniċi**;

(b) pretensjonijiet li jirriżultaw [...] **minn**:

(i) strumenti finanzjarji; [...]

(ii) kuntratti finanzjarji, arranġamenti kollaterali assoċjati u arranġamenti ta' totalizzar assoċjati; u

(iii) tranżazzjonijiet ta' kambju barrani immedjati;

(ba) pretensjonijiet li jirriżultaw minn kriptoassi li ma jikkwalifikawx bħala strumenti finanzjarji jew flus elettroniċi;

(c) pretensjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet fuq swieq finanzjarji jew parteċipazzjoni f'infrastrutturi tas-swieq finanzjarji;

(d) pretensjonijiet li jirriżultaw minn ftehimiet li permezz tagħhom jingħata kreditu fil-forma ta' self.

3. **Fit-titolizzazzjoni u l-ħruġ ta' bonds koperti, iċ-ċedent [...] u ċ-ċessjonarju jistgħu jagħżlu l-liġi [...] tar-residenza abitwali taċ-ċedent jew [...] il-liġi applikabbli għall-pretensjoni ċeduta bħala l-liġi applikabbli. [...]**

L-għażla tal-liġi għandha ssir espliċitament **u bil-miktub** fil-kuntratt ta' ċessjoni jew bi ftehim separat **konkluż meta ssir il-konklużjoni tal-kuntratt ta' ċessjoni. Kull komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi li tipprovdi reġistrazzjoni dejjiema tal-ftehim għandha titqies ekwivalenti għall-kitba. L-eżistenza u [...] l-validità [...] sottostanti tal-ftehim jew [...] ta' kwalunkwe terminu tiegħu [...] għandhom jiġu determinati [...] mil-liġi [...] li tirregola l-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjoni tal-pretensjonijiet skont dan ir-Regolament kieku l-ftehim jew it-terminu kienu validi. Jekk dik il-liġi timponi rekwiżiti formali addizzjonali, għandhom japplikaw dawk ir-rekwiżiti.**

4. Kunflitt prijoritarju bejn iċ-ċessjonarji tal-istess pretensjoni fejn l-effetti fuq partijiet terzi ta' waħda miċ-ċessjonijiet ikunu rregolati mil-liġi tal-**Istat** [...] li fih iċ-ċedent ikollu r-residenza abitwali tiegħu u l-effetti fuq partijiet terzi f'ċessjonijiet oħrajn li jkunu rregolati mil-liġi tal-pretensjoni ċeduta, għandhom ikunu rregolati mil-liġi applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni tal-pretensjoni li tkun saret effettiva għall-ewwel darba fil-konfront ta' partijiet terzi skont il-liġi applikabbli tagħha.

Artikolu 5

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli

Il-liġi applikabbli rigward l-effetti fuq partijiet terzi fiċ-**ċessjonijiet** [...] tal-pretensjonijiet skont dan ir-Regolament għandha tirregola b'mod partikolari:

- (a) ir-rekwiżiti biex jiżguraw l-effettività taċ-ċessjoni kontra partijiet terzi, **mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi** [...] tad-debitur **skont il-liġi applikabbli skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Ruma I** [...];
- (b) il-prijorità tad-drittijiet taċ-ċessjonarju fuq id-drittijiet ta' ċessjonarju ieħor tal-istess pretensjoni;
- (c) il-prijorità tad-drittijiet taċ-ċessjonarju fuq id-drittijiet tal-kredituri taċ-ċedent;
- (d) il-prijorità tad-drittijiet taċ-ċessjonarju fuq id-drittijiet tal-benefiċjarju [...] tal-istess pretensjoni **bħala riżultat tat-trasferiment tal-kuntratt li minnu tirriżulta l-pretensjoni** [...].

[...]

Artikolu 6

Dispożizzjonijiet obligatorji prevalenti

1. Dan ir-Regolament huwa mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obligatorji prevalenti tal-liġi tal-forum.
2. Id-dispożizzjonijiet obligatorji prevalenti huma dispożizzjonijiet li r-rispett tagħhom ikun meqjus bħala kruċjali minn Stat Membru għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi tiegħu, bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, tant li dawn ikunu applikabbli għal kull sitwazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, irrispettivament mil-liġi li b'xi mod ieħor tkun applikabbli għall-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjoni ta' pretensjonijiet skont dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRAJN

Artikolu 7

Ordni pubbliku (*ordre public*)

L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi, ta' kwalunkwe **Stat** [...], speċifikata minn dan ir-Regolament tista' tiġi miċħuda biss jekk tali applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku (*ordre public*) tal-forum.

Artikolu 8

Esklużjoni ta' renvoi

L-applikazzjoni tal-liġi ta' kwalunkwe Stat speċifikata minn dan ir-Regolament tfisser l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi fis-seħħ f'dak l-Istat minbarra r-regoli tad-dritt internazzjonali privat tiegħu.

Artikolu 9

Stati b'aktar minn sistema legali waħda

1. Fejn **il-liġi speċifikata minn dan ir-Regolament tkun dik ta'** Stat **li** jinkludi diversi unitajiet territorjali li kull waħda minnhom **ikollha** [...] r-regoli tal-liġi proprji tagħha stess rigward l-effetti fuq partijiet terzi ta' ċessjonijiet tal-pretensjonijiet **fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ir-regoli interni dwar il-kunflitt tal-liġijiet ta' dak l-Istat għandhom jiddeterminaw** [...] l-unità territorjali rilevanti **li r-regoli tal-liġi proprji tagħha għandhom japplikaw.**
2. **Fin-nuqqas ta' tali kunflitt intern tar-regoli dwar il-liġijiet, kull referenza għal-liġi ta' dak l-Istat** għandha **titqies** [...] bħala li qed **tirreferi għal-liġi fis-seħħ fl-unità territorjali rilevanti** [...] għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-liġi applikabbli skont dan ir-Regolament.

3[...]. Stat Membru li jkollu diversi unitajiet territorjali, li kull waħda minnhom ikollha r-regoli tal-liġi proprji tagħha fir-rigward tal-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet, ma għandux ikun meħtieġ li japplika dan ir-Regolament għal kunflitti fil-liġijiet li jirriżultaw bejn dawn l-unitajiet territorjali biss.

Artikolu 10

Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni

1. Dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni li, b'rabta ma' kwistjonijiet partikolari, jistabbilixxu regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet relatati mal-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet.
2. **B'mod partikolari, dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet fid-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali, id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-19 ta' Meju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, fir-rigward tal-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet tal-pretensjonijiet.**

Artikolu 11

Relazzjonijiet mal-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti

1. Dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom Stat Membru wieħed jew aktar ikunu partijiet fiż-żmien meta jiġi adottat dan ir-Regolament u li jistabbilixxu regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet relatati mal-effetti fuq partijiet terzi fiċ-ċessjonijiet ta' pretensjonijiet.
2. Madankollu, dan ir-Regolament għandu, bħal bejn l-Istati Membri, jieħu preċedenza fuq konvenzjonijiet konklużi esklużivament bejn żewġ Stati Membri jew aktar, sa fejn dawn il-konvenzjonijiet ikunu jikkonċernaw kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Lista ta' Konvenzjonijiet

1. Sa [**sitt xhur qabel id-data ta' applikazzjoni**], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-konvenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(1). Wara din id-data, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-denunzji kollha ta' dawn il-konvenzjonijiet.
2. Fi żmien sitt xhur mill-wasla tan-notifiki msemmijin fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* **u l-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika**:
 - (a) lista tal-konvenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1;
 - (b) id-denunzji msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 13

Klawsola ta' rieżami

Sa [*ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni*], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk ikun il-każ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti sabiex dan ir-Regolament jiġi emendat.

Artikolu 14

Applikazzjoni fil-ħin

[...] Dan ir-Regolament għandu japplika għal ċessjonijiet ta' pretensjonijiet **fejn il-kuntratt ta' ċessjoni jkun ġie** konkluż fi [*data ta' applikazzjoni*] jew wara.

[...]

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [l-ewwel jum tax-xahar li jikkorrispondi għax-xahar wara l-perijodu ta' 24 [...] xahar wara d-dħul [...] fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi [...],

[...]

[...]
